MT

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>**Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati**

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati

Informazzjoni nazzjonali li tirrigwarda r-Regolament 2016/1104

F'Ġunju 2016, l-Unjoni Ewropea adottat Regolament li jirrigwarda l-konsegwenzi fuq il-proprjetà tas-sħubijiet reġistrati internazzjonali bl-għan li jgħin lill-koppji fil-ġestjoni tal-proprjetà tagħhom fuq bażi ta' kuljum u fil-qsim tagħha f'każ ta' xoljiment jew ta' mewt ta' wieħed mill-membri tal-koppja. Ir-Regolament ġie adottat skont il-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa minn 18-il pajjiż tal-UE: L-Iżvezja, il-Belġju, il-Greċja, il-Kroazja, is-Slovenja, Spanja, Franza, il-Portugall, l-Italja, Malta, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Finlandja u Ċipru. Pajjiżi oħra tal-UE jistgħu jissieħbu mar-Regolament fi kwalunkwe mument (f'dak il-każ, il-pajjiż irid ukoll jissieħeb mar-Regolament li jikkonċerna r-reġimi tal-proprjetà taż-żwiġijiet).

Ir-Regolament jipprovdi ċertezza tad-dritt lis-sħubijiet reġistrati internazzjonali u jnaqqas l-ispejjeż tal-proċedimenti legali billi l-koppji se jkunu jafu biċ-ċar liema qrati ta' liema pajjiż tal-UE għandhom jittrattaw il-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-proprjetà tagħhom u liema liġijiet nazzjonali għandhom japplikaw għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet bħal dawn. Ir-Regolament jiffaċilita wkoll ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni f'pajjiż ieħor tal-UE tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' proprjetà li jinħarġu f'pajjiż tal-UE. Billi l-proprjetà ta' koppja trid tinqasam f'każ ta' mewt, ir-Regolament jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar is-suċċessjonijiet transfruntiera. Dan ir-Regolament huwa applikabbli mid-29 ta' Jannar 2019.

L-aħħar aġġornament: 12/05/2021

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Belġju

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Għal deċiżjoni fuq it-talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà: il-qorti tal-ewwel istanza, b'mod aktar speċifiku l-qorti tal-familja ("tribunal de la famille").

Dwar ir-rikorsi dwar id-deċiżjonijiet mogħtija għal dawn it-talbiet:

biex issir oġġezzjoni: il-qorti tal-ewwel istanza, b'mod aktar speċifiku l-qorti tal-familja ("tribunal de la famille");

għal appell: Il-Qorti tal-Appell ("Cour d'appel").

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Id-deċiżjoni meħuda fl-appell hija soġġetta biss għal rieżami quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni ("Cour de Cassation").

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

L-ebda awtorità oħra fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 3(2).

L-aħħar aġġornament: 10/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Iċ-Ċekja

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Fir-Repubblika Ċeka huma l-qrati distrettwali [*okresní soudy*].

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Jistgħu jintużaw biss miżuri ta' rimedju straordinarji, jiġifieri:

- kawża għall-annullament [*zmatečnosť*];
- kawża sabiex jerġgħu jinfetħu l-proċedimenti [*žaloba na obnovu řízení*];
- rieżami ta' appell [*dovolání*].

Il-proċeduri kollha ta' appell straordinarju elenkati għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti li ħadet id-deċiżjoni fuq il-kawża fl-ewwel istanza.

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Ma hemm l-ebda awtorità ta' dan it-tip fir-Repubblika Ċeka.

L-aħħar aġġornament: 18/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Ġermanja

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Ir-rikorsi għal dikjarazzjoni ta' eżegwibilità f'konformità mal-Artikolu 44(1) taż-żewġ Regolamenti jridu jiġu ppreżentati lill-qorti lokali kompetenti - il-qorti tal-familja. Il-qorti b'ġuriżdizzjoni territorjali esklużiva hija l-qorti lokali fis-sede tal-qorti reġjonali ogħla li fid-distrett tagħha d-debitur ikun residenti jew li fid-distrett tagħha s-sentenza għandha tiġi eżegwita.

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Id-deċiżjonijiet dwar dikjarazzjoni ta' eżegwibilità meħuda mill-qrati lokali jistgħu jiġu appellati quddiem il-qorti reġjonali ogħla, f'konformità mal-Artikolu 49(2) tar-Regolamenti.

Id-deċiżjonijiet dwar l-appell jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, f'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolamenti.

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Mhux applikabbli

L-aħħar aġġornament: 15/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Greċja

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Il-qorti kompetenti biex tiddikjara l-eżegwibbiltà ta' deċiżjoni li tikkonċerna r-reġimi ta' proprjetà matrimonjali u l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati fuq it-talba tal-parti interessata, skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolamenti inkwistjoni, hija l-Qorti tal-Ewwel Istanza ppreseduta minn membru wieħed (Monomeles Protodikeio) matul il-proċedimenti mhux kontenzjuži (l-Artikolu 740 *et seq* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Il-qorti tal-appelli fi proċedimenti kontenzjuži kontra deċiżjonijiet dwar rikorsi għal dikjarazzjoni ta' infurzar f'konformità mal-Artikolu 49(2) tar-Regolamenti inkwistjoni, hija l-Qorti tal-Appell (Efeteio). Skont il-każistika tal-Qorti tal-Kassazzjoni, dan jieħu l-forma ta' rikors/appell quddiem il-qorti tal-appell tal-ewwel u tal-aħħar istanza, b'mod eċċezzjonali għar-regola tal-Artikolu 12(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell skont l-Artikolu 50 tar-Regolamenti inkwistjoni, kif deskritta skont il-punt (b), tista' tiġi kkontestata permezz ta' appell f'kassazzjoni.

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Mhux applikabbli

L-aħħar aġġornament: 19/11/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Spanja

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Il-ġuriżdizzjoni għall-proċedimenti eżekutorji hija tal-Qrati tal-Ewwel Istanza (*Juzgados de Primera Instancia*) tal-post tad-domiċilju tal-parti li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni qed jintalbu kontriha, jew tal-post tal-eżekuzzjoni.

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Rikors għal appell. Il-ġuriżdizzjoni għal appell hija tal-Qorti Provinċjali (*Audiencia Provincial*).

Il-proċedura biex tiġi kkontestata sentenza tal-Qorti Provinċjali tista' tkun f'forma ta' appell straordinarju għal infrazzjoni tal-proċedura (*recurso extraordinario por infracción procesal*) u appell fil-kassazzjoni (*recurso de casación*) skont it-termini tal-liġi proċedurali.

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Fi Spanja, ma hemm l-ebda awtorità bil-karatteristiċi u l-ambitu tal-Artikolu 3(2) fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-aħħar aġġornament: 26/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Franza

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

It-talbiet imsemmija fl-Artikolu 44 iridu jiġu ppreżentati lill-kap reġistratur (*greffier en chef*) tal-qorti (*tribunal judiciaire*) (l-Artikoli 509(1) u 509(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Code de procédure civile*)) meta jkunu relatati ma' deċiżjoni tal-qorti jew soluzzjoni bil-qorti, u lill-president tal-Kamra tan-Nutara (*chambre des notaires*), jew is-sostitut tiegħu f'każ ta' assenza jew inkapaċità (l-Artikolu 509–3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), jekk ikunu relatati ma' strument awtentiku.

L-appelli msemmija fl-Artikolu 49(2) jiġu ppreżentati lill-Prim Imħallef tal-qorti (*président du tribunal judiciaire*) (l-Artikolu 509-9 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Meta jkunu relatati ma' deċiżjoni tal-qorti jew soluzzjoni bil-qorti:

* It-talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ta' deċiżjoni ta' qorti Franċiża biex tiġi rikonoxxuta u eżegwita f'pajjiż ieħor jiġu ppreżentati lill-kap reġistratur tal-qorti li toħroġ id-deċiżjoni jew tapprova l-ftehim (l-Artikolu 509-1 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).
* It-talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, fit-territorju Franċiż, ta' titoli eżekuttivi barranin, jiġu ppreżentati lill-kap reġistratur tal-qorti (l-Artikolu 509-2 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

jekk ikunu relatati ma' strument awtentiku;

* It-talbiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-atti notarili awtentikati Franċiżi fid-dawl tar-rikonoxximent u l-implimentazzjoni tagħhom f'pajjiż ieħor jiġu ppreżentati lin-nutar jew lill-entità ġuridika li tkun is-sid tal-uffiċċju notarili li żżomm l-oriġinal tad-dokument irċevut (l-Artikolu 509-3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).
* Talba għaċ-ċertifikazzjoni ta' atti notarili awtentikati barranin fit-territorju Franċiż tiġi ppreżentata lill-president tal-Kamra tan-Nutara, jew lis-sostitut tiegħu f' każ ta' assenza jew inkapaċità (l-Artikolu 509-3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Appelli msemmija fl-Artikolu 49(2):

L-appelli kontra d-dikjarazzjonijiet ta' eżegwibbiltà ta' titoli u atti barranin fit-territorju Franċiż, jiġu ppreżentati lill-Prim Imħallef tal-qorti (l-Artikolu 509-9 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Deċiżjoni mogħtija mill-Prim Imħallef tal-qorti dwar appell tista' tiġi kkontestata biss billi jitressaq appell fuq punt tad-dritt (*pourvoi en cassation*) quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de Cassation*).

Il-motivi għal appell fuq punt tad-dritt huma varji (deċiżjoni li tikser il-liġi, deċiżjoni *ultra vires*, nuqqas ta' kompetenza, nuqqas ta' bażi legali, nuqqas ta' motivazzjonijiet, sentenzi kontradittorji, eċċ.) imma f'kull każ il-qorti tittratta biss l-applikazzjoni tad-dritt. Dan ifisser li l-Qorti tal-Kassazzjoni tivverifika li d-deċiżjoni ma kisritx il-liġi u li ma injoratx l-istat tad-dritt iżda ma teżaminax il-fatti tal-kawża.

Cour de cassation
5 quai de l'Horloge
75055 Paris

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Mhux applikabbli

L-aħħar aġġornament: 05/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - il-Kroazja

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Ir-rikorsi għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont l-Artikolu 44(1) u l-appelli minn deċiżjonijiet dwar dawn ir-rikorsi skont l-Artikolu 49(2) iridu jiġu ppreżentati quddiem il-qrati muniċipali.

Il-qrati responsabbli huma:

Il-qrati muniċipali kollha skont l-Att dwar it-Territorji u s-Sede tal-Qrati (*Narodne novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nru 128/14).

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Skont il-liġi nazzjonali applikabbli fil-Kroazja, ma hemmx mekkaniżmu li, għall-finijiet tal-Artikolu 50, tista' tiġi kkontestata ulterjorment deċiżjoni fuq rimedju legali permezz tiegħu. Fi kliem ieħor, ma hemmx qrati li jista' jiġi ppreżentat appell ulterjuri quddiemhom.

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Fil-Kroazja, il-qrati muniċipali huma responsabbli għall-kawżi mhux kontenzjużi u ta' eżekuzzjoni skont l-Att dwar il-Qrati (NN Nri 28/13, 33/15, 82/15, 82/16). Għalhekk, skont il-liġi nazzjonali applikabbli fil-Kroazja, ma hemmx awtoritajiet jew professjonisti legali kompetenti oħra skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament b' kompetenza fil-qasam tar-reġim tal-propjetà matrimonjali li jeżerċitaw funzjonijiet ġuridiċi jew jaġixxu b'delega ta' setgħat minn awtorità ġudizzjarja jew taħt il-kontroll tagħha.

L-aħħar aġġornament: 14/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Italja

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Il-Qorti kompetenti biex tittratta talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, skont it-tifsira tal-Artikolu 44(1), hija l-Qorti tal-Appell [*Corte di Appello*].

Il-Qorti kompetenti biex tittratta r-rikorsi kontra deċiżjonijiet dwar talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, skont it-tifsira tal-Artikolu 49(2), hija l-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni [*Suprema Corte di Cassazione*].

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Id-deċiżjoni mogħtija fl-appell tista' tiġi kkontestata:

1) b'rikors għal rieżami skont l-Artikoli 391-bis, 391-ter tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili;

2) b'oppożizzjoni minn terzi skont l-Artikolu 391-ter tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Tista' ssir ukoll talba għall-korrezzjoni tad-deċiżjoni jekk is-sentenza jkun fiha żball materjali jew ta' kalkolu.

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Għall-finijiet tal-Artikolu 3(2), l-awtoritajiet ġudizzjarji jinkludu wkoll:

l-avukati, meta jwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-iskema ta' negozjar assistit skont l-Artikolu 6 tad-Digriet Liġi nru 132 tal-2014

u l-Uffiċjali tal-Istat Ċivili, meta jwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-iskema ta' semplifikazzjoni prevista mill-Artikolu 12 tad-Digriet Liġi nru 132 tal-2014.

L-aħħar aġġornament: 04/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Ċipru

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Il-qrati b'kompetenza fuq rikorsi għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà huma l-Qrati tal-Familja. L-appelli kontra d-deċiżjonijiet fuq dawn ir-rikorsi jinstemgħu mill-Qorti tal-Familja tat-Tieni Istanza (Defterobáthmio Oikogeneiakó Dikastírio).

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Il-proċeduri biex tiġi kkontestata deċiżjoni mogħtija fl-appell hija l-proċedura tal-appell stabbilita fl-Artikolu 25 tal-Liġi dwar il-Qrati tal-Ġustizzja, il-Liġi 14/60, u l-ħruġ ta' mandati skont l-Artikolu 155 tal-Kostituzzjoni.

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Mhux applikabbli

L-aħħar aġġornament: 04/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Lussemburgu

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw it-talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont l-Artikolu 44(1):

Il-President tal-Qorti Distrettwali (*Tribunal d'arrondissement*)

Dettalji ta' kuntatt:

Tribunal d'arrondissement de Luxembourg

Cité judiciaire

L-2080 Luxembourg

Tel: 00352 475981-1
Tribunal d'arrondissement de Diekirch
Palais de Justice
Place Guillaume
L–9237 Diekirch
Tel: 00352 803214-1
Il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw ir-rikorsi ta' appell kontra d-deċiżjonijiet meħuda dwar dawn it-talbiet skont l-Artikolu 49(2):
il-Qorti tal-Appell imlaqqa' f'materji ta' appell ċivili (*Cour d'appel siégeant en matière d'appel civil*)
Dettalji ta' kuntatt:
Cour d'appel
Cité judiciaire
L-2080 Luxembourg
Tel: 00352 475981-1

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50:
Cour de cassation
Dettalji ta' kuntatt:
Cour de cassation
Cité judiciaire
L-2080 Luxembourg
Tel: 475981-369/373

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

/
L-aħħar aġġornament: 03/11/2021
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Awstrija

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Il-qrati b'ġuriżdizzjoni fuq talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament huma l-Qorti tal-Eżekuzzjoni (*Exekutionsgericht*) jew il-Qorti Distrettwali (*Bezirksgericht*) ta' fejn ikun domiċiljat il-konvenut.
Il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq l-appelli minn deċiżjonijiet fuq talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà hija l-Qorti Reġjonali superjuri (*Landesgericht*); madankollu, l-appell irid jiġi ppreżentat mal-qorti tal-ewwel istanza li ħadet id-deċiżjoni.

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

L-appelli fuq punt ta' dritt (*Revisionsrekurs*) jsiru quddiem il-Qorti Suprema (*Oberster Gerichtshof*) iżda jridu jiġu ppreżentati lill-qorti tal-ewwel istanza.

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Fl-Awstrija, ma hemmx awtoritajiet jew professjonisti legali oħrajn kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) fi kwistjonijiet ta' konsegwenzi fuq il-proprjetà.
L-aħħar aġġornament: 02/05/2023
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Portugall

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Il-qrati jew l-awtoritajiet b'kompetenza fuq rikorsi għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont l-Artikolu 4491) huma kif ġej:
- is-sezzjoni ċivili lokali *(juízo local cível*), jekk teżisti; jew
- is-sezzjoni ġenerali (*juízo de competência genérica*) tal-qorti distrettwali (*tribunal de comarca*) li għandha ġuriżdizzjoni.
Skont l-Artikolu 49(2), l-appelli minn deċiżjonijiet fuq dawn ir-rikorsi jistemgħu mill-qrati tal-appell ((*Tribunais da Relação*).

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Għall-għanijiet tal-Artikolu 50, deċiżjoni mogħtija fl-appell tista' tiġi kkontestata biss permezz ta' appell fuq punt ta' liġi (*recurso de revista*) quddiem il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja (*Supremo Tribunal de Justiça*).

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Ma japplikax.
L-aħħar aġġornament: 07/04/2024
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Finlandja

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà:
Il-Qorti Distrettwali
Appell minn deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali:
Il-Qorti tal-Appell

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell huwa appell quddiem il-Qorti Suprema, jekk il-Qorti Suprema tawtorizza l-appell (il-Kapitolu 30, l-Artikoli 1-3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja).

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Eżekutur maħtur mill-qorti

L-aħħar aġġornament: 14/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati - Svezja

L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)

Qorti Distrettwali Ġuriżdizzjoni territorjali

Il-Qorti distrettwali ta' Nacka (*Nacka tingsrätt*) Il-Kontea ta' Stokkolma (*Stockholms län*)
Il-Qorti distrettwali ta' Uppsala Il-Kontea ta' Uppsala
Il-Qorti distrettwali ta' Eskilstuna Il-Kontea ta' Södermanland
Il-Qorti distrettwali ta' Linköping Il-Kontea ta' Östergötland
Il-Qorti distrettwali ta' Jönköping Il-Kontea ta' Jönköping
Il-Qorti distrettwali ta' Växjö Il-Kontea ta' Kronoberg
Il-Qorti distrettwali ta' Kalmar Il-Kontea ta' Kalmar
Il-Qorti distrettwali ta' Gotland Il-Kontea ta' Gotland
Il-Qorti distrettwali ta' Blekinge Il-Kontea ta' Blekinge
Il-Qorti distrettwali ta' Kristianstad Il-muniċipalitajiet (kommuner) ta' Bromölla, Båstad, Hässleholm, Klippan, Kristianstad, Osby, Perstorp, Simrishamn,Tomelilla, Åstorp, Ängelholm, Örkelljunga u Östra Göinge
Il-Qorti distrettwali ta' Malmö Il-muniċipalitajiet ta' Bjuv, Burlöv, Eslöv, Helsingborg, Höganäs, Hörby, Höör, Kävlinge, Landskrona, Lomma, Lund, Malmö, Sjöbo, Skurup, Staffanstorp, Svalöv, Svedala, Trelleborg, Vellinge u Ystad
Il-Qorti distrettwali ta' Halmstad Il-Kontea ta' Halland
Il-Qorti distrettwali ta' Göteborg Il-muniċipalitajiet ta' Göteborg, Härryda, Kungälv, Lysekil, Munkedal, Mölndal, Orust, Partille, Sotenäs, Stenungsund, Strömstad, Tanum, Tjörn, Uddevalla u Öckerö
Il-Qorti distrettwali ta' Vänersborg Il-muniċipalitajiet ta' Ale, Alingsås, Bengtsfors, Bollebygd, Borås, Dals-Ed, Färgelanda, Herrljunga, Lerum, Lilla Edet, Mark, Mellerud, Svenljunga, Tranemo, Trollhättan, Ulricehamn, Vårgårda, Vänersborg u Åmål
Il-Qorti distrettwali ta' Skaraborg Il-muniċipalitajiet ta' Essunga, Falköping, Grästorp, Gullspång, Götene, Habo, Hjo, Karlsborg, Lidköping, Mariestad, Mullsjö, Skara, Skövde, Tibro, Tidaholm, Töreboda u Vara
Il-Qorti distrettwali ta' Värmland Il-Kontea ta' Värmland
Il-Qorti distrettwali ta' Örebro Il-Kontea ta' Örebro
Il-Qorti distrettwali ta' Västmanland Il-Kontea ta' Västmanland
Il-Qorti distrettwali ta' Falu Il-Kontea ta' Dalarna
Il-Qorti distrettwali ta' Gävle Il-Kontea ta' Gävleborg
Il-Qorti distrettwali ta' Ångermanland Il-Kontea ta' Västernorrland
Il-Qorti distrettwali ta' Östersund Il-Kontea ta' Jämtland
Il-Qorti distrettwali ta' Umeå Il-Kontea ta' Västerbotten
Il-Qorti distrettwali ta' Luleå Il-Kontea ta' Norrbotten

L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50

Appell (*överklagande*) quddiem il-Qorti tal-Appell (*hövrätt*) jew il-Qorti Suprema *(Högsta domstolen*). L-appell irid jiġi ppreżentat quddiem il-qorti li tat is-sentenza. L-appell jinstema biss jekk il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti Suprema jawtorizzaw l-appell (*prövningstillstånd*).

L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)

Eżekutur (*bodelningsförrättare*)

Amministratur tal-patrimonju (*boutredningsman*)

Fi proċedimenti sommarji li jikkonċernaw ordnijiet ta' ħlas jew għajnuna, l-Awtorità ta' Eżekuzzjoni (*Kronofogdemyndigheten*)

L-aħħar aġġornament: 25/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.